MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru. 868/2004

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)

vs

Davide Manunta

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Davide Manunta, ta’ 18 il-sena, iben Antonio u Grace nee’ Vassallo, imwieled Pieta nhar it-12 ta’ Awissu 1986, u joqghod fil-fond Daienu, Triq il-Kbira, Mosta u detentur ta’ karta ta’ l-identita Maltija bin-numru 373286M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-

4 ta’ Awissu 2004 u / jew fil-granet ta’ qabel f’dawn il-gzejjer, xjentement irrenda ruhu komplici ai termini ta’ artikolu 42 (d) ta’ Kap. 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta sabiex jigi ippreparat jew ikkonsmat serq mill-Fort Blocks Limited, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11ta’ Ottubru 2004 (Dok. R3) tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-13 ta’ April, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 ta’ April 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed isibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali netta tieghu, kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet tant li bis-sahha ta’ din il-koperazjoni il-Prosekuzzjoni waslet sabiex tressaq terzi persuni li kellhom x’jaqsmu mas-serqa in kwistjoni liema terzi persuni ikkumpensaw lid-derubat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tidikjara li qed issisb lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-

*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ sentejn millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ sentejn Davide Manunta ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Davide Manunta kull sitt xhur bil-miktub.

3. Davide Manunta ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------